MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2012

Numru. 531/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**

**Vs**

**JOSEPH CINI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSEPH CINI** ta' tmienja u tletin (38) sena, bin Joseph u Jane nee' Buttigieg, imwieled Pieta' nhar is-27 ta' Mejju 1864, u residenti Phyllis Flats, F/2, Main Street, San Pawl il-Bahar u detentur tal-Karta ta' l-Identita' Numru 304664(M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Gewwa San Pawl il-Bahar nhar is-17 ta' Frar 2001 ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom pittura antika, minn fond numru 454A, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar

liema serq hu kwalifikat bil-mezz, valur li jacceddi l-elf lira Maltin (Lm1,000), hin u lok u li sar ghad-detriment ta' Burridge Torregiani William Francis.

2. Talli fis-17 ta' Frar 2001 u xhur ta' wara f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

3. Talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-15 ta' Novembru 1999, 13 ta' Lulju 1998 u 2 ta' Lulju 1996 kif ukoll mill-Qorti ta' l-Appell nhar 30 ta' Lulju 1997, 21 ta' Frar 2001 u 16 ta' Marzu 2001 liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-8 ta' Marzu 2005 (fol. 154) sabiex din il-kawza tigi deciza b'mod sommarju. Semghet lill-imputat jiddikjara fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2010 (fol. 207) li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju nhar it-2 ta' Mejju 2012.

Ikkunsidrat:

Fl-20 ta' Mejju 2003 xehed **William Burridge** u stqarr li jiftakar li dakinhar in kwistjoni huwa kien irritorna lura d-dar ghal habta tal-hdax ta' bil-lejl u sab is-sodda tieghu mqallba u li l-investa tal-imhadda tieghu kienet nieqsa. Minnufih nizel isfel u innota li kien hemm diversi oggetti tal-fidda u pittura li insterqulu. Qal li aktar tard ra l-pittura ghall-bejgh ghand Mizzi Antiques.

Huwa ghalhekk mar l-ghassa u ghamel rapport relattiv mal-Pulizija li minnufih marru fuq il-post. Tenna li huwa kellu polza ta' sigurta ma' AX Insurance u kien ghamel claim ghas-somma ta' hames mitt lira Maltin (LM500). Qal li s-socjeta' assikuratrici halsitu ghas-saldu ta' l-ammont mitlub minnu.

Spjega li xhur wara kien ra avviz ta' Mizzi Antiques fil-gazzetta li kien qed jindika ghall-bejgh il-pittura tieghu li giet misruqa. Huwa esebixxa dan l-avviz li gie immarkat bhala Dok PS1 u zewg ritratti ta' din il-pittura immarkati bhala dok PS 2 u PS3 liema pittura hija l-istess wahda murija fl-avviz ta' Mizzi Antiques. Mistoqsi jekk kienx hemm xi haga li biha seta' jaghraf il-gwarnic jghid li huwa gwarnic tas-17th century *sacristy painting* bi ftit hsara.

**Stephen Zammit** xehed fl-istess jum ta' l-20 ta' Mejju 2003 u wara li gie moghti it-twissija li ma kienx obbligat jirrispondi ghad-domandi li kienu ser isirulu huwa ghazel li jixhed. Mistoqsi jekk jafx lill-imputat Joseph Cini wiegeb fl-affermattiv u ftakar li darba minnhom kien iltaqa' mieghu l-Msida u Cini kien qallu li l-vettura tieghu kienet bil-hsara u talbu jekk jistax jakkompanjah fejn kien sejjer biex ibiegh xi pittura. Qal li kien staqsieh jekk il-pittura kinetx misruqa u l-imputat assikurah li ma kinetx hekk misruqa.

Qallu li ma kellux petrol u l-imputat tah zewg liri (LM2.00) ghall-petrol u waslu Bugibba bil-vettura tieghu Peugeot 205 bin-Numru ta' Registrazzjoni IAF 973 sabiex jigbor il-pittura. Kienet imgezwra go xkora u l-imputat qallu li kellu l-bejgh taghha. Huwa waslu l-Marsa sal-hanut maghruf bhala Millenia. Joseph Cini nizel bil-pittura u huwa nizel mieghu. Semghu jaghmel in-negozju u qal lil tal-hanut sabiex johrog ic-cheque fuq isem ix-xhud peress illi huwa jirregistra ghas-servizzi socjali. Stephen Zammit ma accetax u c-cheque hareg f'isem l-imputat. Huwa akkompanja lill-imputat St Andrews sabiex isarraf ic-cheque. Ftit wara kien baghat ghalih l-Ispettur. Qal li l-imputat ircieva cheque fl-ammont ta' hames mitt lira Maltin (LM500) ghalkemm kien talab ghal aktar minn elf lira Maltin (Lm1,000) Huwa jikkonferma li minn dan ic-cheque ma ha xejn.

**Lawrence Formosa** xehed fl-20 ta' Mejju 2003 fil-kwalita' tieghu ta' manager tas-socjeta' assikuratrici Atlas Insurance. Mistoqsi jekk William Burridge ghamilx xi claim maghhom dwar serqa li saret fil-fond tieghu nhar it-18 ta' Frar 2001 wiegeb fl-affermattiv. Qal li kienu ircevew ittra

datata 20 ta' Frar 2001 fejn kienu gew infurmati bis-serqa minghand is-sur Burridge. Huwa kien baghat il-*loss adjuster* flimkien ma xi impjegati tieghu fuq il-post u l-claim kienet giet konkluza u huma halsu lis-sur Burridge is-somma ta' Lm1,858.40. Tenna li fost l-affarijiet li insterqu kien hemm pittura li kellha valur ta' tnax il-mija Maltin (Lm1,200) pero' peress illi l-polza kellha limitu ta' Lm500 bhala massimu ghal kul oggett li kien *work of art* huma halsu din is-somma biss ghal din il-pittura. Ikkonferma li din il-pittura tas-seklu sbatax li kellha xbiha ta' San Luqa.

Illi nhar l-20 ta' Mejju 2003 xehed **Alfred Camenzuli** u stqarr li huwa kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti bhala Espert fl-inkjesta relatata ma' serq mill-fond 45A St. Pauls Street, St. Pauls Bay b'digriet datat 18 ta' Frar 2001 u gharaf ir-relazzjoni tieghu esebita fl-atti a fol 8 et seq fl-atti tal-inkjesta, liema relazzjoni hija mmarkata bhala dok AC u kkonferma l-kontenut taghha.

Illi fl-20 ta' Mejju 2003 xehed **PS 1133 Joseph Borg** u kkonferma li fis-17 ta' Frar 2001 huwa kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija Qawra meta ghal habta tal-hdax ta' filghaxija kien dahal rapport minghand William Francis Torregiani Burridge li huwa safa' vitma ta' serq fil-fond tieghu residenzjali f'45A, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar. Huwa ghalhekk kien informa l-ufficcjali tieghu u infethet inkjesta magisterjali. Huwa esebixxa l-okkorenza mehuda minnu dakinhar stess, liema okkorrenza giet esebita u mmarkata bhala dok PS (fol. 53). Jinghad f'din l-okkorrenza li gie rapporat li insterqet pittura tas-*16th century* ta' San Luqa li kienet fi gwarnic kulur id-deheb, in oltre gie rapportat li insterqu ukoll xi oggetti tad-deheb kif ahjar deskritti fl-istess okkorrenza. Minn investigazzjoni preliminari mizmuma minnu irrizultalu li l-malviventi dahlu fil-fond tramite sgass fil-bieb li jinsab fil-parti ta' wara fil-bitha li huwa tal-*aluminium.*

Fl-20 ta' Mejju 2003 xehed **PC 1261 Charles Pace** u kkonferma li huwa kien gie nominat mill-Magistrat ta' l-Ghassa bhala Scene of the Crime Officer sabiex jaccedi fil-fond fejn gie rapporat li saret serqa u jaqdi l-inkarigu lilu moghti. Huwa gie muri ir-relazzjoni tieghu li kienet gja

esebita fl-atti a fol. 37 markata bhala Dok CP u kkonferma l-kontenut taghha.

Fl-20 ta' Mejju 2003 xehed **PC 1525 Patrick Farrugia** u kkonferma li huwa kien gie nominat mill-Magistrat ta' l-Ghassa bhala Scene of the Crime Officer sabiex jaccedi fil-fond fejn gie raportat li saret serqa u jaqdi l-inkarigu lilu moghti. Huwa gie muri ir-relazzjoni tieghu li kienet gja esebita fl-atti a fol. 30 markata bhala Dok PF u kkonferma l-kontenut taghha.

Fid-29 ta' Settembru xehed **David Galea** u stqarr li meta sehhet is-serqa u cioe' 17 ta' Frar 2001 huwa kien spettur tal-Pulizija stazzjonat San Pawl il-Bahar. Huwa fil-fatt iddikjara li kien ipprezenta ir-rapport lil Magistrat ta' l-Ghassa liema rapport huwa gharfu esebit fl-atti esebit a fol. 5 tal-atti tal-inkjesta.

**PC 1042 Paul Seguna** xehed nhar id-29 ta' Settembru 2003 u qal li fis-17 ta' Frar 2002 l-Ispettur Chris Pullicino kien infurmah li huwa kellu informazzjoni li fil-hanut Millennia tal-Marsa kien hemm xi pittura li kienet giet misruqa. Huwa inghata deskrizzjoni ta' din il-pittura mill-kwerelant u mar ifittixha. Jghid li sabha fl-ewwel sular fuq in-naha tax-xellug. L-ispettur kien mal-kwerelant u kien hu li staqsa lis-*sales girl* ghall-prezz taghha u min kienet il-persuna inkarigata tal-hanut. Ftakar li huwa baqa' mal-pittura u l-Ispettur kompla bl-investigazzjoni tieghu. Ftakar li huma hadu din il-pittura maghhom id-depot u gew imsejha diversi nies in konnessjoni maghha inkluz l-imputat odjern. Qal li l-imputat kien irrilaxja stqarrija dwar din il-pittura u li kienu gew investigati xi tlett persuni ohra in konnessjoni maghha. Huwa esebixxa l-istqarrija ta' l-imputat li giet markata bhala dok PS. Ikkonferma li din l-istqarrija giet rilaxxjata fil-21 ta' April 2002.

Nhar is-27 ta' Lulju 2004 xehed l-**Ispettur Chris Pullicino** u kkonferma li nhar is-17 ta' Frar 2001 certu William Buridge kien irraporta l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra li xi persuni mhux maghrufa kienu dahlu fil-fond tieghu u serqulu diversi oggetti tal-fidda u xi pittura. Qal li dawn l-oggetti jinsabu identifikati fl-okkorrenza relattiva. Spjega li

aktar minn sena wara, fis-17 ta' April 2002 kien mar dan Burridge ghandu u qallu li fil-Millennia Complex kien hemm il-pittura tieghu ghall-bejgh. Huwa ghalhekk iddecieda li jmur f'dan il-kumpless flimkien ma' PS 1042 u l-kwerelant indikalu liema kienet il-pittura li kienet imdendla fil-hanut  Huwa staqsa lis-sales girl jekk kienitx ghall-biegh u din qaltlu li riedu tlett elef lira Maltin taghha (Lm3,000).

Huwa imbaghad tkellem mad-direttur certu Sur Joseph Mizzi u dan spejaglu li xi ftit ta' zmien qabel kien mar certu Joseph Cini ghandu maghruf bhala 'il-Pele' u dan bieghlu l-pittura in kwistjoni fi stat hazin hafna u bil-*frame* imkisser ghall-prezz ta' hames mitt lira Maltin (Lm500). Mistoqsi jekk ghamilx verifika jekk il-pittura kinitx misruqa, wiegbu li kienet procedura tal-hanut li jghamlu ic-*cheque* f'isem il-bejjiegh sabiex jekk il-pittura tkun misruqa ic-*cheque* ma jissarrafx.

Huwa imbaghad tkellem ma' l-imputat u dan qallu li l-pittur li kien innegozza mas-Sur Mizzi ma kinitx tieghu. Cini kien tkellem fuq il-bejgh ta' din il-pittura ghan-nom ta' certu Steve maghruf bhal 'il-Joker' u dan qallu li seta' jghinu u kien ghalhekk li mar l-Millennia u bieghha.  L-Ispettur tkellem ma' dan Steve maghruf bhala 'il-Joker' u tah l-istess versjoni moghtija minnu aktar 'l fuq u cioe' li kull ma ghamel kien li ta lift lil Joseph Cini sal Marsa ghaliex kien qallu li kien bla petrol. Kien ghalhekk il iddecida li jressaq lill-imputat  u jakkuzah bl-akkuza ta' serq u ricettazzjoni. Huwa esebixxa zewg sentenzi  mmarkati bhala Dok JP1 u JP2 moghtija fil-konfront tal-imputat u gharaf il-firma tieghu fuq l-istqarrija tal-imputat esebita fl-atti.

Illi nhar is-6 ta' Lulju 2010 huwa esebixxa numru ta' sentenzi ohra li gew markati bhala dok JC 1 sa JC 6 u li lkoll inghataw fil-konfront ta' l-imputat odjern.

**Joevin Mizzi** xehed nhar is-7 ta' Jannar 2010 u kkonferma li l-pulizija kienu marru fl-istabbiliment tieghu Millennia u hadulu xi pittura. Qal li xoghlu huwa li jixtri u jbiegh l-antikitajiet. Il-maggor parti tal-antikitajiet li ghandu ghall-bejgh igibhom minn Franza u l-Ingilterra ghalkemm

gieli jkun hemm xi Maltin li jbieghulu xi oggetti. Ikkonferma li huwa kien xtara il-pittura murija fir-ritratt li gie muri mill-Pulizija (Dok PS2) u indikat fir-riklam esebit u mmarkat bhala Dok PB1 u qal li llum ma jiftakarx kemm kien xtraha l-pittura. Mistoqsi jekk l-imputat kienx mar wahdu sabiex ibiegh din il-pittura wiegeb li ma jiftakarx peress li kien ghadda hafna zmien.

Nhar il-25 ta' Mejju 2010 ix-xhud rega ikkonferma li l-pittura li kien bieghlu l-imputat kienet dik murija fid-dokument esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok PS1. Qal pero' li seta' xtraha ghall-prezz ta' erba' mitt lira maltin jew sitt mitt Lira Maltin ma jiftakarx.

Fil-25 ta' Mejju 2010 xehed **PS 715 Luciano Gatt** li ddikjara li is-Sur Cassar Torregiani kien mark l-ghassa tal-Qawra fis-17 ta' Frar 2001 fejn kien stqarr li kien safa' vittma ta' serq ta' diversi oggetti konsistenti f'pittura antika kbira u affarijiet ohra ta' antikita'. Huwa esebixxa l-okkorrenza relattiva li giet immarkata Dok PS.

Rat il-verbal registrat fl-atti a fol. 138 datat 1 ta Novembru 2004 fejn l-avukat difensur tal-imputat iddikjara ai fini tal-akkuza ta' recidiva li s-sentenza esebita a fol. 120 tal-atti moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-16 ta' Marzu 2001 inghatat fil-konfront tal-imputat. In oltre ezenta l-prosekuzzjoni milli tressaq xhieda rigward l-identita' tal-imputat fir-rigward tas-sentenza esebita a fol. 126 tal-atti.

**Joseph Cini** xehed fit-2 ta' Mejju 2012 fejn iddikjara li jiftakar li kien gie arrestat fuq din il-kawza mill-Ispettur, illum Supretendent Silvio Valletta flimkien ma' l-Ispettur prosekutur l-Ispettur Chris Pullicino. Huwa ftakar ukoll li kien irrilaxxa stqarrija li kienet giet moqrija lilu. L-istqarrija li huwa kien irrilaxxa fil-21 ta' April 2002 tinsab inserita fl-atti a fol 82 tal-process. Huwa kkonferma l-kontenut ta' din l-istqarrija. Huwa tenna li mhux minnu dak li qal Stephen Zammit meta xehed fil-Qorti, li effettivament huwa dahal f'din il-kwistjoni biss biex jaghtih lift biex imur il-Millenia.

Huwa stqarr illi dak iz-zmien kien jarma r-razzet tal-hbiberija. Il-pulizija qatt ma’ marret fuqu u qaltlu li huwa kien qed ibiegh affarijiet misruqa. Huwa ftakar li Steve effettivament kien mar fuqu bil-karozza tieghu hamra u kien qallu li ghandu pittura ghal bejgh. Fil-fatt huwa kien wiegbu li fejn kien ser jiehdu, kienet ser titwahhal mal-hajt biex tinbiegh u jekk hija misruqa kellu jkun jaf u Steve qallu li ma kienitx. Fil-fatt huwa ghamel id-*dealings* tieghu ma’ dan Steve quddiem il-bieb ta’ Mizzi, il-Marsa. Huwa qal illi effettivament il-*fingerprints* kien tahom ukoll in konnessjoni ma’ din l-investigazzjoni. Huwa kien qal lil Mizzi biex ic-cekk johrog fuqu peress li Zammit kien bir-relief u kieku c-cekk hareg fuqu kienu jaqtaghlu r-relief. Mizzi mbaghad kien staqsa jekk kellux oggezzjoni jekk ic-cekk johrog f’ismu u l-imputat wiegbu li ma kellux oggezzjoni u ghalhekk hareg fuqu.

Ix-xhud spjega li dak iz-zmien kien qala’ xi mija jew hamsin minn dan in-negozju. Din il-pittura effettivament kienet inbieghet ghal hames mitt lira u qal li effettivament fil-fehma tieghu din il-pittura ma tiswiex aktar minn tnax-il mija Maltin. Fil-fehma tieghu kien hemm bzonn li tithallas elf lira tar-restawr biex tigi tajba. Is-serqa in kwistjoni saret fis-sena 2001 u huwa minnu li  l-pulizija baghtu ghalih fis-sena 2002 u tressaq il-Qorti fis-sena elfejn u sitta.

In kontro-ezami qal illi l-flus li semma rigwardanti l-prezzijiet qed jghidhom  fuq dak li effettivament kien qallu Mizzi stess. Huwa jifhem pero’ li dak li qal, qalu skond dak li kien qallu Mizzi. Ix-xhud jiftakar illi huwa kien mar flimkien ma’ Mizzi fl-istess hin u segretarja kienet ghajtitlu u gie jkellimhom hdejn il-bieb. Fil-fatt kien hu li tkellem ma’ Mizzi u qallu li Stephen kellu pittura ghal bejgh. Dan qal lix-xhud biex imur igiba sabiex jaraha. Hekk ghamlu, Stephen gabha quddiem il-bieb, raha u xtraha.

L-imputat spjega li Stephen tah xi prezz u Mizzi qallu li ried jixtriha ghal hames mija u qallu x’qaddis kien u waslu f’dak il-prezz. Huwa minnu li s-sur Mizzi fix-xhieda tieghu kien qal li ma jiftakarx jekk ix-xhud kienx akkumpanjat jew le. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-kliem mas-sur Mizzi sar minnu. Mistoqsi ghaliex huwa ma spjegax il-fatt li Mizzi

tkellem ma' Stephen dwar il-prezz u qatt ma qal din l-informazzjoni lill-pulizija qabel, wiegeb li mhux minnu. Huwa lill-pulizija qalilhom mill-bidu u fil-fatt is-sur Valletta kien qallu li ma kienx ser iressqu una volta li jikkopera mieghu. Huwa stqarr illi qatt ma jwiegeb fl-istatements tieghu, pero' f'dan l-istatement huwa kien wiegeb ghaliex is-sur Valletta kien qallu li jekk jikkoopera mieghu ma kienx ser iressqu. Steve fil-fatt quddiemu qal li huwa xtaq li s-sur Mizzi jaghtih il-*cash*, pero' s-sur Mizzi ma kienx lest li jaghtih cash.

Ix-xhud qal ukoll illi l-pittura kienet fil-karozza fuq il-parti ta' wara mikxufa u sostna illi mhux minnu li kienet imgezwra fi xkora. Huwa nsista li kienet mikxufa. Huwa ma jiftakarx li effettivament kien sar konfront bejnu u Steve. Huwa cahad li lil Steve qallu biex ic-cekk jinhareg f'ismu. Jekk ma kienx sejjer zball ic-cekk issarraf fil-Marsa stess. Mistoqsi jekk jistax ikun li effettivament ic-cekk issarraf St Andrews u mhux il-Marsa qal li ma jafx, pero' jekk ma kienx sejjer zball ic-cekk issarraf il-Marsa, l-HSBC.

L-**imputat Joseph Cini** fl-istqarrija datata 21 ta' April 2005 esbita fl-atti a fol. 82 markata bhala dok PS jispjega l-involviment tieghu f'din l-istorja u jghid is-segwenti. Huwa iltaqa' ma persuna maghrufa bl-isem Steve imlaqqam 'il-Joker' hdejn id-Detox u dan qallu li kellu xi pittura ghall-bejgh u ghalhekk hadu ghand tal-Millennia. Qal li Steve ried il-flus kontanti u ghalhekk kien hu li innegozja il-pittura u s-sur Mizzi halsu cheque fl-ammont ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) u hu tahomlu cash. Jghid li l-interess tieghu f'din il-pittura kien biss li kien ser jaqla' xi haga tal-flus. Mistoqsi jekk staqsiex lil Steve minn fejn kien gab din il-pittura jghid il ma kienx interessat ikun jaf u ghalhekk ma staqsihx.

Mistoqsi kif jaf lil Mizzi tal-Millennia jghid li gieli nnegozja affarijiet antiki mieghu. Mistoqsi jekk jidhirlux li l-oggett li bejgh kienet tiswa aktar jghid li hekk kien pero' kellha bzonn hafna restawr.

Ikkunsidrat:

**Il-Qorti sejra taghmel kronologija ghaliex din il-kawza damet hdax-il sena sabiex tigi deciza sabiex jigi evitat diskors vojt fil-mezzi tax-xandir u jigi attribwit xi tort lejn il-Qorti ghal xi dewmien li minn naha taghha ma kienx hemm.**

**1. Jibda biex jinghad li l-allegata serqa in kwistjoni sehhet nhar is-17 ta' Frar 2001.**
**2. Il-Pulizija esekuttiva resqet lill-imputat il-Qorti u akkuzatu bir-reati ta' serq aggravat u ricettazzjoni nhar it-2 ta' Lulju 2002.**
**3. Illi matul dan iz-zmien kollu l-Qorti zammet sittin (60) seduta inkluza ta' illum sabiex jingabru il-provi kollha mill-partijiet, issir it-trattazzjoni u wara li l-partijiet awtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza nhar id-9 ta' Mejju 2012, din il-Qorti ghaddiet biex taghti is-sentenza taghha illum.**
**4. Illi l-prosekuzzjoni damet sas-7 ta' Lulju 2010 sabiex taghlaq il-kaz bil-provi taghha u ghalhekk hadet tnejn u tletin (32) seduta - disgha (9) snin ghall-gbir tal-provi taghha.**
**5. Id-difiza min-naha taghha hadet mis-seduta tas-17 ta' Awwissu 2010 sad-9 ta' Mejju 2012 biex taghlaq il-kaz taghha u f'dan il-perjodu l-Qorti zammet erbgha u ghoxrin (24) seduta.**
**6. Jinghad li tul din l-kumpilazzjoni, il-prosekuzzjoni dejjem kienet rapprezentata mill-istess Ufficcjal Prosekutur waqt li l-imputat kien ippatrocinat minn diversi avukati fosthom Dr. Joseph Giglio, Dr. Roberto Montaldo, Dr. Mark Mifsud Cutajar, u finalment Dr. Edward Gatt li beda jippatrocina lill-imputat nhar is-6 ta' Marzu 2012.**
**7. Jinghad li tul dawn il-hdax-il sena l-<u>Prosekuzzjoni naqset li tidher</u> quddiem il-Qorti ghal raguni jew ohra fi sbatax-il seduta li gew iffissati ghall-gbir tal-provi, filwaqt li l-imputat naqas li jidher quddiemha ghal diversi ragunijiet (jew ghax kien mahrub, jew ghax ma kienx notifikat bis-smiegh tal-kawza mill-Pulizija Ezekuttiva, jew ghax kien marid, jew ghaliex id-Direttur tal-Facilita' Korettiva ta' Kordin ma provditlux skorta, jew ghad-dirittura ghaliex l-imputat kien notifikat bis-seduta u b'disprezz lejn l-**

**Awtorita' tal-Qorti naqas li jattendi) u dan f'hamsa u ghoxrin seduta. Ghalhekk f'dawn is-seduti kollha li inzammu inutilment mill-Qorti ma setghax jigi registrat progress.**

**8. Jinghad ukoll ghal kul buon fini li ghal disgha u tletin (39) seduta l-avukat difensur ta' l-imputat naqas li jkun prezenti ghall-udjenzi li gew hekk iffissati.**

**9. Jigi nnutat ukoll li kien hemm seduta wahda biss li giet differita fuq talba tal-Qorti, liema seduta kienet inzammet tliet ijiem wara.**

**Il-Qorti hasset il-htiega li taghmel dan ir-riassunt sabiex fil-mezzi tax-xandir jigu evitati kummenti negattivi dwar l-operat tal-Qorti billi ingustament jinghad b'mod erronju li d-dewmien kien kawzat minnha.**

Ikkunsidrat:

Illi d-difiza bdiet bid-difiza taghha billi spjegat lil Qorti li l-imputat ghalkemm ghandu fedina penali refletarja hafna kif del resto ghandu ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni Stephen Zammit ghandu jigi trattat bhala kwalunkwe imputat iehor u m'ghandux jigi pregudikat u gudikat b'lenti negattiva. Id-difiza fakkret lil Qorti li l-vittma ghandu jigi kkusidrat daqslikieku kien persuna kwalsiasi ohra u cioe' '*a first time offender'* ghaliex il-Qorti ghandha tiggudika il-kaz fuq il-provi prodotti quddiemha biss.

Din il-Qorti taghmilha cara li hija qatt ma rat ucuh la ta' min gie akkuzat quddiemha u daqstant iehor ta' min safa' vittma u dan ghaliex il-gustizzja m'ghandux ikollha wcuh w ghalhekk, ma hemmx dubju li din il-Qorti sejra tittratta mar-reat li gew kommessi u konsegwentement ser televa ruhha mill-persuna li ghandha imressqa quddiemha.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Jinghad li l-prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat b'zewg reati alternattivi ghal xulxin u cioe' dik ta' serq aggravat minn fond 45A, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar u b'ricettazzjoni tal-oggetti (kif deskritti fl-atti tal-inkjesta) li

gew misruqa minn dan l-istess fond gja imsemmi. Ghalhekk din il-Qorti sejra tittrata maz-zewg akkuzi b’mod separat u distint u dan wara li taghmel certu osservazzjonijiet dwar principji legali li ghandhom japplikaw ghal kaz in ezami.

Illi d-Difiza bdiet t-trattazzjoni taghha billi fakkret lil Qorti dwar l-grad ta' prova li hija rikjesta fil-kamp penali u cioe’ r-regola generali li l-oneru tal-prova huwa mixhut fuq il-Prosekuzzjoni li qed takkuza [vide ‘**Il-Pulizija v Antonio Schembri’** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax (19) ta' Dicembru, 1936].

Ghalhekk din il-Qorti bhal kull Qorti ohra, hija fid-dmir li ssib htija tal-imputat jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u li m'ghandhux jkollhom l-ebda dubju dwar il-kolpevolezza tal-imputat. L-icken dubju kkawzat f'dawn l-provi jew bil-provi prodotti mid-Difiza, ghandu per forza jmur favur l-imputat li ghandu mmedjatament jigi ddikjarat liberat. Din hija il-prassi legali f'dan il-pajjiz [vide ‘**Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et’** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' April, 1992].

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-prociediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju regjonevoli, cioe’ oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija vs Philip Zammit et’** u tghid pero’ mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li 'dubju ikun dak dettat mir-raguni.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija vs Peter Ebejer’**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu

bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjiegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa importanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi indizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader**' hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen' [1952] AC 480, 489**.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Gauci et'**, li

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzjoni tal-introduzzjoni, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif wkoll komplessivament.

Ma hemmx dubju li din il-kawza tiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda li semghet il-Qorti u dan wara li ghamlet apprezzament taghhom ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kap 9**. Ghalhekk bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta, karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghhom, jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjata ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ghexet l-process tul medda ta' zmien, tkun semghet ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, ezaminat l-imgieba u l-komportament taghhom stante li kienet hija stess li kkonstatathom u x'interess setgha kellu kull xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Ghalhekk kollox jiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda u dan hu proprju l-ezercizzju li ghamlet din il-Qorti.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migubra u thoss li l-alternattivi huma tnejn; jew li l-imputat qed jghid l-verita' jew ma huwiex. Pero' fic-cirkostanzi kif inhuma u kif jirrizultaw fil-process, biex din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-imputat ma hux hati tad-delitt imputati lilu, trid wkoll tasal ghal konkluzzjoni li kien hemm fil-kaz u fil-konfront taghhom speci ta' kongura minn persuna biex taddebitalhom delitt li ma kkommettiex.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lil Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat,

huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale - vol III Kap IV pg. 236 Ediz. 12 - 1890:***

*"il cosi detto onero della prova, cioe il carico di fornire, spetta ai chi accusa onus probandi incumbit qui asserit."*

Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat fuq serq aggravat bil-valur, hin, lok u mezz minn fond residenzjali ta' San Pawl il-Bahar ghad-detriment ta' William Francis Torregiani Burridge. Illi pero' l-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova dwar l-allegat partecipazzjoni tal-imputat fis-serqa in kwistjoni li sehhet fis-17 ta' Frar 2001. Ipprovat biss li l-pittura li nsterqet minghand id-derubat Burridge u instabet ghal-bejgh gewwa il-hanut Millennia. Illi jidher li fl-atti tal-inkjesta instabu xi impronti digitali pero' dawn ma gewx komparati ma' l-impronti tal-imputat u ghalhekk il-prosekuzzjoni ma provatx nexus bejn is-serqa u l-imputat.

Il-Qorti ezaminat ukoll it-teorija tar-*recent possession of stolen goods* bil-ghan sabiex tara jekk l-imputat kellux il-pussess ricenti tal-Pittura misruqa. Jinghad pero' li l-prosekuzzjoni ma pprovatx meta din il-pittura inghatat lis-Sur Joevin Mizzi ghan-nom tal-Millennia ghalkemm dan xehed f'zewg okazzjonijiet u cioe' f'Jannar u f'Mejju tas-sena 2010. Huwa minnu li l-Ispettur Pullicino fix-xhieda tieghu tas-27 ta' Lulju 2004 jghid li s-sur Mizzi kien qallu li l-imputat kien bieghlu l-pittura fi Frar 2001 pero' l-istess Sur Mizzi ma kkonfermax din ix-xhieda u ghalhekk ai fini ta' din il-kawza, ix-xhieda ta' l-Ispettur Pullicino tikkonstitwixxi *hear say* evidence li mhix xhieda ammissibli legalment. Sfortunatament, il-prosekuzzjoni ma bdietx il-kaz taghha billi ressqet lil dan ix-xhud importanti meta il-fatti tal-kaz kienu aktar friski u setgha ghalhekk jitfa' aktar dawl fuq is-sehem tieghu ta' dan in-negozju. Is-sur Mizzi xehed ghaxar snin wara li kien involut f'dan in-negozju u ghalhekk m'hemmx dubju li ma ftakarx dak kollu li gie mistoqsi. Mix-xhieda tieghu zgur li ma jirrizultax meta effettivament din il-pittura giet mehuda fl-istabbiliment

tieghu. La l-imputat u lanqas Stephen Zammit ma ghamlu referenza ghal data. Dan kollu qed jinghad fid-dawl ta' dak li ghandu jigi stabbilit sabiex il-Qorti tara jekk tissustix is-serqa bit-teorija ta' *recent possession of stolen objects*.

Il-Qorti taghmel refenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Awissu 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Emanuel Seusun et'**, fejn irriteniet li:

*"It-teorija* [theory of unlawful possession of recently stolen goods] *ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-bon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw ppruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, jistghu wahedhom jwasslu ragjonevolment ghal konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja ta' reat ta' serq ta' l-oggetti misjuba ghandha jew skond c-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawn l-oggetti."*

Dik il-Qorti ikkwotat mill-awtur Ingliz **Archbold** u qalet li:

*"If someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in infering that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are opt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief [a] if he offers no explanation to account for his possession, or [b] if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue.* [vide wkoll **Il-Pulizija v Carmelo Debono** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ewwel ta' Novembru 1996].

Illi din l-ispjegazzjoni ta' **Archbold** hija abbraccjata f'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Apell Kriminali minn zmien ilu.

Fil-fatt, fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Lawrence Camilleri'** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Marzu 1977, dik il-Qorti rriteniet li:

*"Il-pussess tal-haga misruqa fi zmien rcenti hu wiehed mill-indizji biex juri li l-possessur hu l-halliel fin-nuqqas ta' spjiegazzjoni li turi xort'ohra. La darba il-Prosekuzzjoni prima facie ggustifikat l-imputazzjoni - bil-prova tal-pussess - huwa obbligu tal-imptuat li jaghti spjiegazzjoni."* [vide **Il-Pulizija v Antonio Pace** - Appell Kriminali datat ghoxrin ta' Frar 1954].

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Novembru 1953 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Polly Grech',** il-Qorti ghamlet referenza ghal ktieb ***Criminal Law*** ta' **Harris and Wilshire** u qalet li:

*"The possession of recently stolen property is safe evidence that the possessor is either the thief or guilty receiver and if he fails to give any satisfactory explanation of his possession, the jury may convict him of stealing or receiving, according to circumstances."*

Ma jistax ghalhekk fid-dawl tal-provi migjuba kif spjegati aktar 'l fuq li tapplika t-teorija ta' *recent possession of stolen property* u ghalhekk bla tlaqliq ir-reat ta' serq ma jissustix.

Il-prosekuzzjoni pero' b'mod alternattiv akkuzat lill-imputat bir-reat ta' ricettazzjoni kif previst fl-**Artikolu 334 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta. Skond is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Filippa Fenech'** deciza nhar it-8 ta' Mejju 1937 intqal li "*Biex jista' jinghad li l-akkuza giet pruvata hemm bzonn illi jirrizultaw sodisfacentement dwar ir-rekwiziti:-*

*1.Illi l-oggetti li jkun imsemmi fil-kaz ikun gej mill-kummissjoni tar-reat.*

*2. Illi l-akkuzat ikun jew irricetta jew xtara dan l-oggett.*
*3. Illi l-imputat kien jaf illi l-oggett kien ta' provenjenza illegittima. "*

In kwantu ghat-tieni rekwizit ma hux affatti necessarju illi jkun hemm ix-xiri ta' l-oggett milli parti tar-ricettatur, ir-ricettazzjoni wahedha hija bizzejjed. In kwantu ghax-xjenza tal-provenjenza illegittima dana l-element (li huwa d-dolo specifiku tad-delitt tar-ricettazzjoni jista' jigi dezunt mic-cirkostanzi kollha tal-kaz).

Huwa interessanti li jigi osservat dak li intqal fis-sentenza '**<u>Il-Pulizija vs Joseph Piscopo</u>'** moghtija mill-Qorti ta' l-Appell nhar il-21 ta' Marzu 1953 rigward ix-xjenza. Inghad li "*ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirriferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali".*

Dan il-principju gie elaborat fis-sentenza moghtija fl-24 ta' Gunju 1961 fis-sentenza '**<u>Il-Pulizija vs George Tabone</u>'** fejn inghad li:

"l-*element tax-xjentar huwa mehtieg ghall-integrazzjoni tar-reat ta' ricettazzjoni. Dan l-element jista' jirrizulta mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari; imam s-semplici suspett li jigi fl-akkuzat dwar il-provenzjenza legittima jew le tal-oggett li jkun ser jixtri jew jilqa', minghajr ma jaghmel il-verifika mehtiega dwar dik il-provenjenza huwa prova bizzejjed tal-element intenzjonali ta' dan ir-reat."*

Issa ghar-rigward ta' dak li gara f'dan il-kaz din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti li huma totalment kontrastanti. Dik esposta mill-imputat li jghid li huwa sempliciment akkompanja lil Steve Zammit sal-Millennia ghaliex kien midhla tas-Sur Mizzi ghaliex kien innegozjha mieghu qabel sabiex jghinu ibiegh pittura li kellu. L-imputat jghid li effettivament l-pittura li huwa biegh lis-sur Mizzi ma kienitx tieghu izda ta' certu Steve. Jghid li effettivament huwa kien iltaqa' ma dan Steve gurnata minnhom partikolari hdejn id-Detox u talbu sabiex jakkompanjah biex ibiegh pittura. Filwaqt li dan Steve jghid li kien l-imputat li talbu *lift* sabiex ibiegh il-pittura li

kellu f'idejh imgezwra go lizar lil terzi. Jghid li huwa ma kellux petrol izda l-imputat talbu *lift* u sahansitra anke halsu zewg liri ghall-petrol.

Steve jghid li kien hu li akkompanja lill-imputat sal Millenia u nizel mieghu u rah jinnegozja mas-sur Mizzi. Mistoqsi dwar in-negozjati jghid li ma jaf xejn dwarhom salv li s-sur Mizzi hallas lill-imputat permezz ta' cheque u dan jafu ghaliex hadu jsarraf dan ic-cheque ukoll. Jikkonferma li l-imputat ircieva is-somma ta' sitt mitt Lira Maltin (Lm600).

Hawnhekk l-imputat jghid li l-pittura kienet ta' Steve pero' jghid li jaf li kienet tiswa aktar mill-prezz li rcieva taghha izda jghid li kellha bzonn restawr. X'tip ta' restawr pero' ma jghidx. L-imputat jghid li gieli ghamel negozju qabel ma' dan Mizzi u ghalhekk ghalih ma kienitx difficli li ibieghlu din il-pittura li biegh ghall-prezz ta' sitt mitt Lira - hafna inqas mill-valur attwali taghha. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk jafx l-origini ta' din il-pittura jghid li ma jafx u ma jinteressahx ghaliex la ma kinitx tieghu ma ried jaf xejn dwarha.

Illi onestament din il-Qorti ma thoss li ghandha ghalfejn tara liema hija l-verzjoni l-aktar kredibli u dan ghaliex ghar-reat ta' ricettazzjoni kull ma trid tipprova l-prosekuzzjoni huwa li l-imputat kellu l-pussess tal-haga meta kien jaf jew seta' kien jaf (minhabba in-nuqqas ta' diligenza tieghu) li tali oggett kellu provenzjenza illegittima.

Id-difiza fit-trattazzjoni taghha ghamlet enfasi fuq il-kelma pussess li hu necessarju sabiex tinsab htija fir-reat ta' ricettazzjoni. Id-difiza sostniet li l-fatt li l-imputat kien involut f'negozju sabiex siehbu ibiegh oggett li seta kellu provenjenza illegittima mhix bizzejjed sabiex tinstab htija ta' dan ir-reat. Huwa jsostni li l-pussess irid ikun effettiv u mhux temporanju. Il-prosekuzzjoni minn naha l-ohra sostniet li ghall-ezistenza ta' dan ir-reat ikun bizzejjed li l-prosekuzzjoni tipprova l-pussess semplici minghajr il-htiega li tipprova z-zmien tal-pussess effettiv.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti  ta’ l-Appelli Kriminali nhar l-24 ta’ Jannar 1941 fis-sentenza fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija vs Joseph Bugelli’** inghad li:

“Ir-ricettazzjoni tikkonsisti f’att posterjuri ghad-delitt tas-serq jew reat iehor *kontra l-proprjeta u hija delitt ghalih u ma tirrivestix il-karatttri tal-komplicita….Biex ikun hemm dak l-element hemm bzonn li l-prezunt ricettatur ikun ghamel xi haga li biha b’xi mod ikun ikkopera ruhu biex jigi ezitut jew mibjugh l-oggett misruq jew ottenut permezz tar- reat.  Jekk l-atti tieghu ma jurux illi kien hemm dik l-intromissjoni da parti tieghu biex b’xi mod jigi facilitat l-okkultament ta’  l-oggett misruq jew illegitimament ottenut dan it-tieni element ma jirrikorrix u ma hemmx ricettazzjoni*.”(sottolinear ta’ din il-Qorti.)

Filwaqt fis-sentenza fl-ismijiet ‘**Il-Pulizija vs Joseph Piscopo’** li nghata nhar il-21 ta’ Maru 1953 inghad li:

“*It-termini tal-ligi f’materja ta’ ricettazzjoni huma komprenivi u jinklludu l-fatt ta’ min jilqa’ ghandu l-oggett provenjenti minn delitt. Ghaldaqstant huwa hati ta ricettazzjoni anki min jircievi dak l-oggett ghall-ftit zmien biss , u dak bhala rahan. Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza  kriminiuza generika u ma tirriflettix ghad-dettalji specifici tar-reat principali.”*

M’hemmx dubju li r-reat ta’ ricettazzjoni huwa delitt istantaneju u dan jghidu wkoll il-Professur  Taljan Arturo Santoro fil-ktieb tieghu **“Manuali di Diritto Penale Vol V”** meta jghid:

“Il-Delitto ta’ ricettazione e’  istantaneo e si consuma nel momento in cui si verifica l-acquisto la ricettazione, l-occultamento della cosa. Non e necesario che siasi realizzato il fine del profitto al quale tendeva l’agente” (pg 427). (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Ghalhekk in vista tas-suespost u cioe’ li huwa seta’ kellu suspett li din il-pittura kienet gejja minn attivita’ illegittima, kienet mghottija b’lizar, kienet vicin id-Detox allegatament f’id Stephen Zammit u li inbieghet ghal prezz hafna anqas

milli kienet tiswa jindikaw li l-imputat zgur li kellu ix-xjenza dwar il-provenjenza illegali taghha. Illi ma hemmx dubju li kellu l-pussess taghha tant li intrometta ruhu sabiex jghin lil Stephen Zammit sabiex ibieghha  u dan sabiex jaghmel profit zghir li jammonta ghar-reat ta' ricettazzjoni.

Dwar l-akkuza li huwa recidiv din tirrizulta provata u dan stante li fil-process hemm diversi sentenzi kriminali esebiti li nghataw fil-konfront ta' l-imputat u fil-fatt l-imputat kien ezenta lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq ufficcjali tal-Pulizija sabiex jikkonfermawhom fil-konfront ta' l-imputat.

Dwar il-piena, il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li mhix xejn inqas minn ktejjeb b'hafna reati u kontravenzjonijiet registrati fuqha. Fost akkuzi ohra instab hati ta' pusses ta' drogi, diversi serqiet, harba minn post ta' kustodja, ingurji fuq ufficcjali pubblici, theddid lill-membri tal-Pulizija, attakk u rezistenza fuq ufficcjal pubbliku u diversi reati kontra l-ordinanza tat-traffiku fejn inghata diversi opportunitajiet ta' probations, sentenzi sospizi  u  multi u sahansitra anke diversi sentenzi ta' prigunerija effettiva. Nonostante dan, l-imputat ma tghallimx mill-izbalji  tieghu u dan ghaliex rega' kiser duffrejh  u qieghed il-Qorti akkuzat bir-reati odjerni.

Jirrizulta minn ezami tal-fedina penali tieghu li giet esebita meta tressaq il-Qorti fis-sena 2001 li  huwa diga' kellu disgha u ghoxrin (29) conviction registrati fuqha u dan meta dak iz-zmien, u cioe' fis-sena 2001, huwa kien ghad ghandu seba' u tletin sena u ghalhekk in vista ta' l-istess il-Qorti hija  tal-fehma li l-piena idoneja m'ghandha tkun xejn hlief dik ta' prigunerija effettiva.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi kif mibghuta mill-Avukat Generali u cioe' l-Artikoli 49, 50, 261 (b) (c) (e) (f) , 163, 164, 266, 267 268, 270, 278, 279, 280, 281, 289 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lill-imputat JOSEPH CINI hati tal-akkuza ta' serq aggravat bil-mezz, hin, lok u valur u tilliberah minn tali akkuza u issibu hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni u talli huwa recidiv u  tikkundannah piena ta' sentejn u nofs prigunerija effettivi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------